MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2013

Avviz Numru. 805/2001/1

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Valletta Freight Services Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat mis-socjetà Vodafone Malta Limited fid-19 ta' Settembru 2001, permezz ta' liema titlob li s-socjetà Valletta Freight Services Limited tigi kkundannata thallasha s-somma komplessiva ta' elfejn mitejn sitta u erbghin Lira Maltija (Lm2,246.98), illum ekwivalenti ghal €5,234.06, rapprezentanti in kwantu ghal Lm162.98, illum ekwivalenti ghal €379.64, hlas ghal servizzi minnha lilha rezi in konnessjoni mal-*mobile phone* bin-numru 09474928, in kwantu ghal Lm1,093.40, illum ekwivalenti ghal €2,546.94, hlas ghal servizzi minnha lilha rezi in konnessjoni mal-*mobile phone* bin-numru 09423454, u in kwantu ghal Lm990.60, illum ekwivalenti ghal €2,307.48, hlas ghal servizzi minnha lilha rezi in

konnessjoni mal-*mobile phone* bin-numru 09492260, bl-imghax mid-data meta l-ammonti minnha pretizi saru dovuti sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez giudizzjarji, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz, kontra s-socjetà Valletta Freight Services Limited;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjetà Valletta Freight Services Limited permezz ta' liema teccepixxi li: (i) in linea preliminari l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(a) u (f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) il-*litis pendentia* fir-rigward tal-partita ta' Lm990.60 inkluza fit-talba attrici stante li già tifforma l-mertu ta' kawza ohra fl-istess ismijiet quddiem din il-Qorti diversament presjeduta bl-Avviz Nru. 1196/00, liema kawza giet ipprezentata fil-5 ta' Settembru 2000; (iii) l-ammont mitlub huwa kontestat ghaliex jinkludi *charges* ghal *roaming* f'pajjizi barra minn Malta li s-socjetà attrici ma tridx u qed tonqos li taghti *breakdown* u identifikazzjoni taghhom, minkejja li giet minnha mitluba taghmel dan, sabiex tkun tista' tivverifika jekk ic-*charges* pretizi humiex verament relatati ghal *calls* maghmula fuq il-*mobile phones* taghha; u li (iv) hija hallset l-ammont ta' Lm520.79, illum ekwivalenti ghal €1,213.11, indebitament lis-socjetà attrici u li fi kwalunkwe kaz ghandu jitnaqqas mill-ammont pretiz;

Rat id-dokument markat Dok."A" anness man-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta a fol.9 tal-process;

Rat in-Nota pprezentata mis-socjetà attrici fit-22 ta' Mejju 2002 permezz ta' liema tirriduci t-talba attrici ghal Lm1,256.38, illum ekwivalenti ghal €2,926.59, stante li s-somma ta' Lm990.60 tifforma l-mertu ta' kawza ohra kif eccepit mis-socjetà konvenuta;

Semghet ix-xhieda ta' Sharon Calleja moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' April 2004[1] u rat id-dokumenti minnha esebiti a fol.22 sa' 26 tal-process, rat il-prospett Dok. "DJ1" relattiv ghall-invoices li huma preskritti ai termini ta' l-Artikolu 2148(a) u (f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta,

[1] Fol. 18 sa' 20 tal-process.

flimkien mal-kontijiet tat-*telephone* relattivi esebiti mis-socjetà konvenuta permezz ta' Nota pprezentata fis-16 ta' Novembru 2005 a fol.32 sa' 41 tal-process, semghet ix-xhieda ta' David Jones moghtija waqt is-seduti tad-9 ta' Mejju 2006[2] u tat-2 ta' Frar 2010[3], semghet ix-xhieda ta' Mario Tellus moghtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2010[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu u markati Dok. "MT1" sa' Dok. "MT4" a fol.77 sa' 90 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Marco Incorvaja moghtija waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2011[5];

Rat is-sentenza preliminari pronuncjata fl-20 ta' Novembru 2006[6] li biha giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjetà konvenuta;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallasha is-somma komplessiva ta' Lm2,246.98, illum ekwivalenti ghal €5,234.06, rapprezentanti in kwantu ghal Lm162.98, illum ekwivalenti ghal €379.64, hlas ghal servizzi minnha lilha rezi in konnessjoni mal-*mobile phone* bin-numru 09474928, in kwantu ghal Lm1,093.40, illum ekwivalenti ghal €2,546.93, hlas ghal servizzi minnha lilha rezi in konnessjoni mal-*mobile phone* bin-numru 09423454, u in kwantu ghal Lm990.60, illum ekwivalenti ghal €2,307.48, hlas ghal servizzi minnha lilha rezi in konnessjoni mal-*mobile phone* bin-numru 09492260.

Is-socjetà konvenuta tilqa' ghat-talba tas-socjetà attrci bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) in linea preliminari, il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici ai termini ta' l-Artikolu 2148(a) u (f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) il-*litis pendentia* fir-rigward tal-partita ta' Lm990.60 inkluza fit-talba attrici stante li già tifforma l-mertu ta' kawza ohra fl-

2 Fol. 44 u 45 tal-process.
3 Fol. 73 sa' 75 tal-process.
4 Fol. 91 sa' 93 tal-process.
5 Fol. 97 sa' 99 tal-process.
6 Fol. 52 sa' 55 tal-process.

istess ismijiet quddiem din il-Qorti diversament presjeduta bl-Avviz Nru. 1196/00, liema kawza giet ipprezentata fil-5 ta' Settembru 2000; (iii) l-ammont mitlub huwa kontestat ghaliex jinkludi *charges* ghal *roaming* f'pajjizi barra minn Malta li s-socjetà attrici ma tridx u qed tonqos li taghti *breakdown* u identifikazzjoni taghhom, minkejja li giet minnha mitluba taghmel dan, sabiex tkun tista' tivverifika jekk ic-*charges* pretizi humiex verament relatati ghal *calls* maghmula fuq il-*mobile phones* taghha; u li (iv) hija hallset l-ammont ta' Lm520.79 indebitament lis-socjetà attrici u li fi kwalunkwe kaz ghandu jitnaqqas mill-ammont pretiz.

Fid-dawl tat-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjetà konvenuta s-socjetà attrici rriduciet it-talba taghha ghal Lm1,256.38, illum ekwivalenti ghal €2,926.59, billi naqqset l-ammont ta’ Lm990.60. B’hekk it-tieni eccezzjoni tas-socjetà konvenuta giet sorvolata w il-mertu ta’ dawn il-proceduri issa jittratta biss dwar is-somma ta’ Lm162.98, illum ekwivalenti ghal €379.64, rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjetà attrici lis-socjetà konvenuta in konnessjoni mal-*mobile phone* bin-numru 09474928 u s-somma ta’ Lm1,093.40, illum ekwivalenti ghal €2,546.94, rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjetà attrici lis-socjetà konvenuta in konnessjoni mal-*mobile phone* bin-numru 09423454.

Bis-sentenza preliminari pronuncjata fl-20 ta' Novembru 2006[7], giet trattata u michuda l-eccezzjoni preliminari tas-socjetà konvenuta, ossia l-eccezzjoni li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(a) u (f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement ghalhekk it-talba tas-socjetà attrici ghall-hlas tas-somma, kif issa ridotta, ta' €2,926.59 ghandha tigi kkunsidrata fid-dawl tar-rimanenti zewg eccezzjonijiet sollevati mis-socjetà konvenuta, ossia (a) l-eccezzjoni li s-socjetà attrici mhux qed tipprovdi lis-socjetà konvenuta, skond din ta' l-ahhar minghajr raguni valida, bi *breakdown* tat-telefonati internazzjonali minn u lejn il-*mobile phone* numbers 09474928 u 09423454, bil-konsegwenza li ma tistax tivverifika c-*charges* kalkolati mis-socjetà attrici u li t-telefonati li taghhom qed tigi

[7] Fol. 52 sa’ 55 tal-process.

mitluba thallas effettivament saru fuq il-*mobile phones* taghha – it-tielet eccezzjoni; u (ii) l-eccezzjoni tal-hlas tas-somma ta' Lm520.79, illum ekwivalenti ghal €1,234.09, liema hlas sar indebitament lis-socjetà attrici u li fi kwalunkwe kaz ma tnaqqasx mill-ammont pretiz – ir-raba' eccezzjoni.

In sostenn tat-talba taghha fil-konfront tas-socjetà konvenuta ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' Lm1,256.38, illum ekwivalenti ghal €2,926.59, is-socjetà attrici ipprezentat *statements of account* relattivi ghall-*mobile phones* bin-numri 09423454[8] u 09474928[9], minn liema jirrizulta li fuq l-ewwel numru hemm ammont pendenti ta' Lm1,093.40 u fuq it-tieni numru hemm ammont pendenti ta' Lm162.98 – komplessivament ammontanti ghal Lm1,256.38. Ipprezentat ukoll il-kuntratti relattivi ghal kull wiehed miz-zewg numri imsemmija[10]. Is-socjetà konvenuta tikkontrapponi l-prova imressqa mis-socjetà attrici bix-xhieda ta' David Jones u ta' Mario Tellus.

David Jones xehed illi *s-socjetà konvenuta kellha zewg mobile phones li l-impjegati taghha kienu juzaw ghal xoghol barra minn Malta, sija biex icemplu minn hawnhekk ghal barra u jekk ikunu qeghdin barra biex icemplu lura Malta. Jiena niftakar li meta konna ghamilna l-kuntratt mas-socjetà attrici konna hallasna ammont separat biex ninghataw breakdown tal-calls barranin li jkunu saru minn dawn il-mobile phones. Jiena rrid nghid li konna hallasna eighty six cents Maltin u dawn l-eighty six cents kienu jithallsu ma' kull kont li ahna konna nircievu u dawn ghalija kienu jirrapprezentaw id-dritt li jkollna breakdown ta' dawn il-calls barranin. Bhala fatt il-breakdown kien jigina biss ghal calls lokali. Meta jiena insemmi calls barranin irrid nghid li sia ghal dawk li kienu jsiru minn fuq dawn il-mobile phones kif ukoll dawk li kienu jidhlu ghal gol-mobile phones. Ghalina din l-informazzjoni kienet importanti hafna biex inkunu nistghu naghmlu counter checking ghal xiex u kif qed jintuzaw dawn l-istess*

[8] Esebit minn Sharon Camilleri fl-20 ta' April 2004, fol. 21 u 22 tal-process.
[9] Esebit minn Sharon Camilleri fl-20 ta' April 2004, fol. 24 u 25 tal-process.
[10] Fol. 23 u 26 tal-process.

*telefonati u ghac-charges li fl-ahhar mill-ahhar inkunu rridu inhallsu. Is-socjetà attrici naturalment din l-informazzjoni ghandha ghax inkella altrimenti ma tkunx tista' tohrog il-kontijiet lilna. Jiena rrid nghid illi fir-rigward ta' telefonati ghal barra jew minn barra ahna kullma rcevejna huwa l-ammont dovut minghajr ebda forma ta' breakdown. Jiena kemm-il darba tlabt lis-socjetà attrici biex ninghataw din l-informazzjoni. L-ewwel darba niftakar li kont kellimt sinjorina però ma niftakarx x'jisimha u kienet qaltli li kienet se tibghatielna, izda imbaghad ma wasal xejn. Meta mbaghad ergajna tlabniha lis-socjetà attrici qaltilna li din l-informazzjoni ma kienetx se tinghata. Jiena nispecifika li l-informazzjoni li dejjem insistejna li jkollna ahna hija t-telephone number barrani li jcempel fuq jew minn dawn il-mobile numbers u naturalment id-durata tat-telefonata*[11].

Mario Tellus xehed illi *jiena nkopri l-kariga ta' operations manager mas-socjetà konvenuta. Jiena naf li meta jkun imsiefer impjegat tas-socjetà konvenuta u jkollu mobile mieghu, dana jcemplu ta' spiss anke lili bhala operations manager. Qed nesebixxi ittra datata 21 ta' Awwissu 1998 indirizzata lis-socjetà attrici w ikkuppjata lill-Ombudsman li qed tigi immarkata bhala Dokument MT1 li minnha jirrizulta li konna hallasna lis-socjetà attrici ammont ta' seba' mija tlieta u hamsin Lira Maltin u tnax-il centezmu. Dan il-pagament kien sar under protest u semplicement sabiex l-istess socjetà ma taqtalniex il-linji tat-telephone. Jiena rrid nghid illi kellna serqa fl-ufficcju taghna u ghamlu herba mid-dokumenti illi kellna. Madanakollu rnexxielna nsibu tlett batches ta' kontijiet li jirreferu ghan-numru 9423454 u li minnu jirrizulta li ahna konna qed inhallsu biex ninghataw detailed billing ta' dan l-istess kont. Dawn qed jigu mmarkati bhala Dok. MT2, 3 u 4*[12].

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-ftehim bejn il-partijiet kontendenti kien illi s-socjetà attrici tipprovdi lis-socjetà konvenuta bi *breakdown* tat-telefonati, lokali u internazzjonali, li kien jsiru minn u lejn in-numri 09423454 u 09474928. Bhala fatt is-socjetà attrici kienet tipprovdi lis-

---

[11] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Frar 2010, fol. 73 sa' 75 tal-process.
[12] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2010, fol. 91 sa' 93 tal-process.

socjetà konvenuta *breakdown* tat-telefonati sia lokali kif ukoll internazzjonali li kienu jsiru minn u lejn in-numri imsemmija, izda ghal dak li jirrigwarda *incoming international calls* ma kienx jigi indikat in-numru specifiku minn fejn tkun qed torigina t-telefonata – il-punt kontestat mis-socjetà konvenuta. Fir-rigward Marco Incorvaja, Engineer mas-socjetà attrici, in risposta ghad-domanda jekk in-numru li jircievi *mobile phone* registrat mal-Vodafone li jkun qieghed barra minn Malta fil-mument li effettivament ikun barra, il-Vodafone ikollhiex records ta' dak in-numru, xehed illi *la dak iz-zmien u lanqas illum ma jkollna record tan-numru li jkun cempel fuq dak il-mobile phone. Fir-rigward tad-durata tat-telefonata nghid illi l-hin ikun available fl-itemized bill ukoll u l-hin zgur kien available dak iz-zmien ghax inkella ma tkunx tista' tahdem ir-rata dovuta. Ghal dan it-tip ta' telefonata, fl-itemized bill jitnizzlu l-kliem incoming call imbaghad ma' genbha d-durata tat-telefonata. Meta l-klijent ikun barra minn Malta u jircievi telefonata, nerga' ntenni li dettalji dwar in-numru attwali li jkun cempel lilu ahna ma naghtux. Meta klijent ikun qieghed barra minn Malta, ahna jkollna agreements ma' kumpaniji tal-mobile fil-pajjiz fejn ikun qieghed u l-informazzjoni li huma jircievu hekk kif il-klijent taghna jircievi t-telefonata tintbaghat lilna f'dak li ahna nghidulhom tap files. Dawn it-tap files però ma jkunx fihom indikazzjoni tan-numru li jkun ircieva l-klijent taghna ghar-raguni li m'hemmx dan it-tip ta' obbligu fil-ftehim li ghandna. B'hekk meta klijent jigi u jaghmel query attwalment fuq in-numru li jkun ircieva ahna ma nkunux nistghu nghaddulu l-informazzjoni. Nikkonferma li l-invoices li hemm esebiti a fol. 36 et sequitur dik hija l-unika informazzjoni li seta' inghata l-klijent; ahna informazzjoni ma nahbux u dak li nistghu naghtu lill-klijent naghtuhulu. Id-durata tat-telefonata tidher fil-kontijiet illi qed nigi muri fil-process a fol.36 et sequitur, fil-fatt id-dettalji huma d-data u l-hin li tkun giet ricevuta t-telefonata, il-kliem incoming call, id-durata ta' l-istess telefonata u r-rata. Nikkonferma li s-sistema ghadha l-istess kif inhi llum u tant hu hekk li qabel ma gejt ghal din il-kawza ghamilt verifika fis-sistema taghna u mill-ewwel tas-sena lil hawn mat-three hundred operators li ahna nahdmu maghhom, m'hemmx call wahda li tkun qed*

*jircievi klijent registrat mal-Vodafone barra minn Malta li tkun indikata bhala numru. It-telefon tal-klijent li jkun barra minn Malta anki jekk jircievi telefonata minn telefon iehor lokali li jkun registrat maghna wkoll in-numru xorta ma jidhirx. Illum jekk jigi klijent u jaghmel complaint rigward kont fuq incoming calls li jircievi meta jkun barra, jiena kieku nipprova nikkomunika m' l-operator taghna barra u nitolbu jkunx jista' jghaddili r-records tieghu biex minn hemmhekk forsi ngibu n-numru. Madanakollu nerga' ntenni li l-operatur mhuwiex obbligat li din l-informazzjoni jaghtiha. Jekk klijent specjalment fiz-zmien in kwistjoni ta' dan il-kaz kellu complaint u ahna ma stajniex nghaddulu informazzjoni, kien ikollu jibqa' fuq il-kont mibghut lilu. Kull mobile ghandu l-identification tieghu u din hija kwistjoni internazzjonali. Minn dan l-identification number, it-traffiku kollu li jkun hemm fuq din il-mobile jigi registrat jigifieri fiz-zmien meta klijent ikun barra minn Malta, il-calls kollha li jaghmel u jircievi jigu registrati u abbinati ghan-numru tieghu. Dawn jintbaghtu lilna fil-file li accenajt ghalih qabel li huma t-tap files u allura ma jistax ikun li l-kontijiet taghna ikun fihom zball ghar-raguni li ahna nkunu rregistrajna l-informazzjoni li tkun waslitilna. Meta nghid li ma nistghux niehdu zball irrid nghid fir-rigward tal-call li tidhol fuq dik in-numru partikolari minhabba l-identification. Minix qed nghid li qatt ma nistghu niehdu zball izda l-informazzjoni li tasal ghandna tkun it-traffiku ta' dak il-mobile*[13]

Mix-xhieda ta' Marco Incorvaja l-Qorti hija konvinta u sodisfatta li s-socjetà attrici realment ma setghetx tipprovdi lis-socjetà konvenuta bin-numri ta' *incoming international calls* ghaliex ma jkollhiex informazzjoni dwar tali numru, izda hija daqstant iehor konvinta u sodisfatta li bl-informazzjoni moghtija s-socjetà attrici qed tonora l-obbligu taghha li taghti *breakdown* lis-socjetà konvenuta tat-telefonati, lokali kif ukoll internazzjonali, li jsiru minn u lejn in-numri mertu ta' dawn il-proceduri. Fil-fehma tal-Qorti ma tirrizulta ebda raguni valida ghalfejn is-socjetà konvenuta ma ghandhiex thallas l-ammonti dovuti ghall-uzu li sar mill-*mobile phones* bin-numri 09423454 u 09474928 ghaliex jirrizulta li t-telefonati li taghhom qed

[13] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2011, fol. 97 sa' 99 tal-process.

tintalab thallas effettivament saru minn u lejn dawn il-*mobile phones*. L-identifikazzjoni tan-numru per se hija iktar kwistjoni interna tas-socjetà konvenuta sabiex tivverifika x'uzu qed isir mill-*mobile phones* in kwistjoni mill-impjegati taghha, kwistjoni din li s-socjetà attrici hija ghal kollox estraneja ghaliha u b'hekk ma ghandha teffettwaha bl-ebda mod.

Apparte dan appena osservat, hemm fatturi ohra li juru bic-car li l-kontestazzjoni tas-socjetà konvenuta ghat-talba attrici hija wahda frivola w intiza biss biex tevita li thallas dak minnha dovut lis-socjetà attrici.

Il-kuntratti mas-socjetà attrici dwar il-*mobile phones* bin-numri 09423454 u 09474928 saru fis-16 ta' Ottubru 1998[14] u fl-10 ta' Novembru 1997[15] rispettivament, izda jirrizulta li s-socjetà konvenuta waqfet thallas f'Marzu tas-sena 2000 ghal dak li jirrigwarda n-numru 09423454 u fi Frar tas-sena 2000 ghal dak li jirrigwarda n-numru 09474928, u cioè iktar minn sentejn wara li kienet ilha klijenta tas-socjetà attrici u tircievi l-*breakdown* tat-telefonati bil-mod kif provdut mis-socjetà attrici. Ghalkemm jidher li già fl-1998[16] is-socjetà konvenuta kienet qajmet il-kwistjoni dwar l-identifikazzjoni tan-numru ta' *incoming international calls*, hija xorta wahda baqghet thallas il-kontijiet b'mod regolari – anke jekk kienet giet infurmata li l-informazzjoni li hija riedet ma setghetx tigi ipprovduta lilha – minghajr ma hadet ebda tip ta' azzjoni fil-konfront tas-socjetà attrici sakemm fl-2000, ossia iktar minn sentejn iktar tard, iddecidiet li ma teffettwax izjed hlasijiet. Ghalkemm is-socjetà konvenuta tikkontendi li minhabba din il-kwistjoni l-hlasijiet kienu jsiru *under protest*, mill-provi prodotti jirrizulta li mill-hlasijiet kollha effettwati pagament wiehed biss gie effettwat *under protest*, u cioè dak ta' Lm753.12 imsemmi fl-ittra tal-21 ta' Awwissu 1998, Dok. "MT1" a fol. 77 tal-process, u dana thallas *under protest* ghaliex allegatament kienet se tinqata' l-linja.

---

[14] Fol. 23 tal-process.
[15] Fol. 26 tal-process.
[16] Dok. "A" a fol. 9 tal-process u Dok. "MT1" a fol. 77 tal-process.

Dan it-trapass ta’ zmien, tul liema s-socjetà konvenuta ma hadet ebda azzjoni fil-konfront tas-socjetà attrici ghall-hlasijiet skontha effettwati indebitament jew addirittura itterminat il-kuntratt li kellha mas-socjetà attrici ghaliex ma kenitx sodisfatta bil-*breakdown* tat-telefonati provdut, serjament jimpingi fuq il-kredibilità tal-kontestazzjoni taghha f’dawn il-proceduri in bazi ghal liema topponi t-talba ghall-hlas da parte tas-socjetà attrici. Fattur iehor li serjament jimpingi fuq il-kredibilità tal-kontestazzjoni tas-socjetà konvenuta huwa li ghalkemm il-kontestazzjoni taghha kienet tirrigwarda biss l-*incoming international calls,* li kienu jiffurmaw parti biss mill-hlas dovut, hija ma hallistx l-ammont kollu rizultanti mid-diversi kontijiet mahruga fil-konfront taghha, inkluz ghalhekk dawk l-ammonti li *ex admissis* ma kienux kontestati.

Ghal kull buon fini jigi osservat li l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta’ informazzjoni dwar l-*incoming international calls* giet sollevata mis-socjetà konvenuta anke fil-proceduri rigwardanti il-hlas tas-somma ta’ Lm990.60 minnha imsemmija fit-tieni eccezzjoni taghha – ossia fil-proceduri fl-ismijiet “Vodafone Malta Limited v. Valletta Freight Services Limited” Avviz Nru. 1196/00. F’dawk il-proceduri – ibbazati fuq mertu simili ghal dak tal-proceduri in ezami – din l-eccezzjoni tas-socjetà konvenuta giet michuda kemm in Prim’ Istanza b’sentenza pronuncjata fl-20 ta’ Lulju 2004 kif ukoll fl-Appell b’sentenza pronuncjata fis-16 ta’ Marzu 2005.

Fid-dawl ta’ dan kollu osservat, il-Qorti tqis li t-tielet eccezzjoni sollevata mis-socjetà konvenuta ma hijiex gustifikata u b’hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Bir-raba’ eccezzjoni taghha s-socjetà konvenuta tikkontendi li hija effettwat hlas ta’ Lm520.79, ekwivalenti ghal €1,213.11, li ma giex rifless fil-kontijiet tas-socjetà attrici u b’hekk mhux imnaqqas mill-ammont pretiz minnha f’dawn il-proceduri. Din il-kontestazzjoni però ma ghandha tinghata ebda piz minn din il-Qorti peress illi fl-ahhar tax-xhieda li ta waqt is-seduta tat-2 ta’ Frar 2010[17], David

[17] Fol. 73 sa’ 75 tal-process.

Jones ammetta w irrikonoxxa li *dan l-ammont ta' hames mija u ghoxrin lira maltin u disgha u sebghin centezmu bhala fatt is-socjetà attrici kienet naqsithom mill-kontijiet taghna izda jiena xorta nsostni li dan l-ammont ahna ma kellniex inhallsuh*.

Fir-rigward ta' din l-ahhar affermazzjoni ta' David Jones, riflessa ukoll fir-raba' eccezzjoni tas-socjetà konvenuta, il-Qorti, ghad illi ma taqbilx li dan il-hlas – jew kwalunkwe hlas iehor effettwat mis-socjetà konvenuta – gie moghti indebitament lis-socjetà attrici, tqis illi din hija kwistjoni li se mai s-socjetà konvenuta kellha tindirizzaha per via d'azione jew ta' l-inqas b'kontro-talba opportuna u mhux tissollevaha in via d'eccezzione ghat-talba tas-socjetà attrici ghall-hlas ta' l-ammont komplessiv ta' €€2,926.59, ekwivalenti ghal Lm1,256.38. Ghalhekk ir-raba' eccezzjoni tas-socjetà konvenuta wkoll tirrizulta ingustifikata u b'hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tastjeni milli tieghu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjetà konvenuta in kwantu s-socjetà attrici rriduciet is-sorte b' Lm990.60 (ekwivalenti ghal €2,307.48), tichad it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta u tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €2,926.59, ekwivalenti ghal Lm1,256.38, bl-imghax legali dekoribbli mid-29 ta' Settembru 2001 – id-data tan-notifika ta' l-Avviz odjern – sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk relattivi ghas-sentenza preliminari pronuncjata fl-20 ta' Novembru 2006 – li sa' dak l-istadju kienu baqghu riservati – u dak relattivi ghall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjetà konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------